MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 7/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Hersey)**

**Vs**
Jonathan Ellul

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 t'Awissu, 2005, ghall-habta tal-19.55 hrs, f'Hompesch Road, Fgura :**
**1) saq vettura nru. BMW 111, minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;**
**2) saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);**

**3) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli (Sic!) 3, 4, 16 tal-Avviz Legali 252/2003, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu (Sic!) 14 tal-Avviz Legali 476/2004, kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ppretendiet skorrettament li l-Pulizija li waqqaf lill-appellant kellu jagharfu fl-awla w li fin-nuqqas ma saritx il-prova tal-identita' 'as-sewwieq. ilLi dan imur kontra dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Ivan Borg"** [11.11.1999], fejn il-qorti rriteniet li hu prattikament impossibbli li l-Pulizija jibqghu jiftakru l-wicc ta' kull persuna li tikser il-ligi tat-traffiku. F'dal-kaz il-Pulizija in kwistjoni kien ta d-dettalji korretti tal-appellat u salv li ma tingiebx xi indikazzjoni kontrarja, l-Qorti kellha toqghod fuq dawk il-provi w mhux tillibera.

Semghet ix-xhieda waqt l-udjenza tal-lum.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex ikkoregi r-rikors tal-appell billi fis-seba' paragrafu minnflok in-numru tal-artikolu "26" jidhol in-numru korrett "63".

Rat id-Digriet taghha tal-lum stess li bih laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjoni, wara li rat l-artikolu 175 tal-Kap. 12 rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali, kif emendat bl-artikolu 7 tal-Att XXII tas-sena 2005.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih iddikjarat li l-Artikolu 413 (1)(c) minnha indikat fir-rikors tal-appell, mhux applikabbli ghal kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi proprjament mill-qari tas-sentenza appellata ma jirrizultax ghaliex ezatt l-Ewwel Qorti lliberat, kif qed jallega l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell, ghax kull ma jinghid fis-sentenza hu testwalment dan :-

*"fuq nuqqas ta' provi, din l-istess Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat …….hati……."*

Il-liberazzjoni f'dan il-kaz hija ghalhekk ibbazata eskluzivament fuq kwistjoni fattwali – in-nuqqas ta' prova li l-persuna li kkommetta l-fatti msemmija fic-citazzjoni, kienet l-imputat Jonathan Ellul li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha. Illi l-artikolu 63 (li qabel kien artikolu 26) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) jaghti dritt t'appell generali (igifieri sia fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq punt ta' fatt) lill-Avukat Generali minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati "*dwar procedimenti li jinqalghu mid-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza".* Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell mis-sentenza liberatorja in kwistjoni in kwantu din illiberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi pero' ma hemmx dispozizzjoni simili fil-Kap. 104 li fuqu hi msejjsa t-tielet imputazzjoni ta' sewqan ta' vettura minghajr ma kienet koperta minn polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi. U ghalhekk id-dritt t'appell tal-Avukat Generali jkun irid johrog mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli

413(1)(b) jew (c). illi l-Avukat Generali fil-fatt qed jinvoka biss l-artikolu 413(1)(c) u cioe' dak li jolqot kazijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu ma proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat is-subartikolu (1) tal-Art. 370. Izda l-kaz ta' ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 jaqa' propju taht l-artikolu 370(1)(c) u ghalhekk l-appell mill-Avukat Generali ma jistax isir skond l-artikolu 413 (1)(c) imma jrid ikun wiehed permess minn xi wiehed mis-subincizi restrittivi tas-subartikolu (b) tal-artikolu 413(1) li mhux il-kaz, ghax hawn si tratta biss ta' liberazzjoni fuq kwistjoni fattwali. Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tippermetti appell mid-decizzjoni tal-Ewwel Qorti li lliberat fuq it-tielet imputazzjoni, (ara f'dan is-sens propju s-sentenza citata mill-Avukat Generali **"Il-Pulizija vs. Ivan Borg"**).

Ikkonsidrat;

Li x-xhieda tal-prosekuzzjoni tista' tigi riassunta kif gej :

**PS 1113 EMANUEL AQUILINA** xehed illi fit-23 t'Awissu 2005, ghall-habta tas-7.55 p.m., waqt li kien il-Fgura, osserva karozza bin-numru BMW 111 li d-driver taghha kien qed isuq bla "seat belt" u waqqaf il-karozza w kellem lis-sewwieq u qallu li kien ser jharrku ghax kien qed isuq bla "seat belt". Sadanittant, bir-radio ivverifika mar-records tad-Depot u sab li l-vettura ma kienitx licenzjata. Ghal kemm illum ma jgharafx lill-appellat prezenti fl-Awla bhala dak ix-xufier li hu kien waqqaf, hu cert li x-xufier dak il-hin kien tah dokument li jew kien l-identity card jew id-driving licence tieghu w li r-ritratt li kien hemm fuq dan id-dokument kien tax-xufier li hu kien waqqaf. Id-dettalji tal-appellat li jidhru fuq ic-citazzjoni hu kien hadhom minn fuq dan id-dokument. Irrizultalu li l-vettura kienet licenzjata sat-2003 u li wara l-licenzja ma kienitx giet imhallsa. Dak il-hin ix-xufier kien qallu li l-vettura kienet registrata fuq

missieru Grezzju Ellul u meta hu vverifika, sab li fil-fatt hekk kien.

**CHRISTOPHER DARMANIN** xehed li mir-records tad-dipartiment tal-Licencing and Testing jirrizulta li l-vettura BMW 111, li hi BMW 320 hadra, sa mis-sena 2001 sallum kienet tidher registrata fuq Grezzju Ellul u li l-licenzja kienet ghalqet fi Frar 2003 u sallum kienet ghadha ma gietx rinovata.

Ikkonsidrat;

Issa hu minnu li quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, s-surgent Aquilina ma kienx f'pozizzjoni li jagharaf lill-appellat bhala l-persuna li hu kien waqqaf fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, ghalkemm xehed li hu kien ha d-dettalji tieghu mid-dokument li seta' kien karta tal-identita' jew licenzja tas-sewqan li kien tah ix-xufier dak il-hin u li hu kellu fuqu ir-ritratt tal-istess xufier.

Sitwazzjoni simili giet ezaminata minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza ta' **Borg** fuq citata, fejn kien intqal testwalment :-

*"Din il-Qorti,……tapprezza li minhabba n-numru ta' nies li jwaqqfu membri tat-traffic section tal-Pulizija huwa pratikament impossibbli ghalihom li jibqghu jiftakru l-wicc ta' kull persuna. Issa meta wiehed jaghti l-konnotati tieghu lill-Pulizija meta jigi hekk mitlub minnhom, wiehed necessarjament ghandu jipprezumi, <u>salv imqar xi indikazzjoni kuntrarja,</u> li dawk il-konnotati huma veri w korretti w cioe' dik il-persuna ma tkunx tat konnotati foloz. F'dan il-kaz ma hemm ebda indikazzjoni kuntrarja f'dan is-sens. L-imputat/appellat – li wiegeb ghac-citazzjoni mahruga fuq l-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta tal-identita' li nizzel il-Kuntistabbli …. Fl-ebda hin ma ttanta jikkontesta li ma kienx hu li kien qed isuq il-vettura …fil-gurnata w fil-hin indikati fic-citazzjoni, w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellu jkollha ebda dubju mill-identita' tal-persuna li twaqqfet mill-Kuntistabbli …."*

Illi dan il-bran mis-sentenza citata japplika *“multo magis”* ghall-kaz in ezami ghaliex, kif inghid, il-Pulizija hadet il-konnotati tal-appellat minn fuq id-dokument bir-ritratt li kien tahom ix-xufier stess.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tiddikjara l-appell tal-Avukat Generali inammissibbli in kwantu jolqot il-liberazzjoni tal-appellat mit-tielet imputazzjoni w qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu liberat lill-appellat mit-tielet imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u minnflok, wara, li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta w ir-Regolament 3, 4 u 16 tal-Avviz Legali 252/2003 u 14 tal-Avviz Legali 476/2004, issib lill-appellat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w tikkundannah hamsa w ghoxrin lira (LM25) ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni w hamsin lira (LM50) multa fuq it-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------